

# festa
# SAN ĠORĠ
# 2021

“aħna nibqgħu għal dejjem ta’ Ġorġi
u huwa jibqa’ l-Patrun tal-Għawdxin”



Għawdex
jiċċelebra l-Festi Prinċipali f'ġieħ
il-Protettur setgħan tiegħu

# SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI

il-Patrun
tad-Djoċesi u tal-Belt Victoria
u
t-Titular
tal-Knisja Proto-Parrokkjali u Arċi-Matriċi
Bażilika u Kolleġġjata Lateranensi *in urbe*
Omm il-Parroċċi tal-Gżira

skont id-Direttivi Ekkleżjastiċi u b'Talb Votiv
fi Żmien l-Imxija tal-Covid-19

**3 – 18 ta' Lulju 2021**



## Id-Disa' Ħamisijiet ta' San Ġorġ

Fit-13 ta' Mejju 2021 bdew id-Disa' Ħamisijiet bi tħejjija spiritwali għall-Festa ta' San Ġorġ li kienu mmexxija minn Patri Peter Paul Cachia OSA, Patri Etienne Gilson OFMCONV, u l-Kan. Richard Nazzareno Farrugia, b'quddiesa fit-8.00pm.

## Il-Victoria International Arts Festival – L-24 Edizzjoni

Dan il-festival internazzjonali, fil-kuntest tal-Festa ta' San Ġorġ, twieled fl-1998 bħala offerta ta' kultura għolja li tagħni b'dimensjoni ġdida u tikkostitwixxi żvilupp oriġinali fil-festa tradizzjonali Maltija. Kulħadd huwa mistieden għas-serati kollha li huma mingħajr ħlas, proprju biex jitħares il-karattru popolari ta' dan il-festival. Programm dettaljat tal-24 edizzjoni jinsab fuq www.viaf.org.mt.

**IL-ĠIMGĦA 11 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert korali u orkestrali bis-sehem tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, il-Kor Laudate Pueri, is-sopran Pamela Kucenic, il-mezzosopran Emilia Boteva, it-tenur Giuseppe Giacomini u l-baxx Samuel de Palma, taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella (l-Istati Uniti tal-Amerika/il-Bulgarija/l-Italja/Iżrael/Malta), onlajn.

**IS-SIBT 12 TA' ĠUNJU**
**10.30am:** Taħdita pubblika *"Beethoven: A Rebel with a Cause"* minn Dr Maria Frendo, fil-Mużew Il-Ħaġar.
**8.00pm:** Kunċert mill-pjanista Francis James Camilleri (Malta), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**IT-TNEJN 14 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert orkestrali bis-sehem tal-University of Delaware Symphony Orchestra (l-Istati Uniti tal-Amerika/il-Ġappun), onlajn.

**IT-TLIETA 15 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-vjolinisti David Lang u Emese Tóth (l-Ungerija), fil-Knisja ta' San Franġisk.



**L-ERBGĦA 16 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-vjolinista Lukas Hebenstreit, il-vjolista Simon Mattern u l-vjolinċellista Elena Deinhammer (l-Awstrija), onlajn.

**IL-ĦAMIS 17 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-Martinů Quartet (ir-Repubblika Ċeka), onlajn.

**IL-ĠIMGĦA 18 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-Primrose Ensemble (Franza), onlajn.

**IS-SIBT 19 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert orkestrali mill-pjanista Biliana Tzinlikova u l-Orchestra Project (l-Awstrija/il-Bulgarija), onlajn.

**IT-TNEJN 21 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mit-trumbettista Jason Camilleri u l-organista Franco Cefai (Malta), fil-Knisja ta' Santu Wistin.

**IT-TLIETA 22 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-vjolinista Inmaculada Muños Salgüero u l-pjanista Julia Miller (Spanja/il-Polonja), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**L-ERBGĦA 23 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert vokali mill-mezzosopran Sanja Anastasja u l-pjanista Giulia Mandruzzato (Serbja/l-Italja), onlajn.

**IL-ĦAMIS 24 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert strumentali u vokali min-New Music Delaware (l-Amerika/Iżrael/iċ-Ċina/l-Iskozja/Franza), onlajn.

**IL-ĠIMGĦA 25 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-klarinettista Jože Kotar, il-vjolinċellista Milan Hudnik u l-pjanista Luca Ferrini (l-Islovenja/l-Italja), onlajn.

**IS-SIBT 26 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert fuq il-harpsichord minn Joanne Camilleri (Malta), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**IL-ĦADD 27 TA' ĠUNJU**
**11.45am:** Inawgurazzjoni tal-wirja *"The Art of Emvin Cremona"*, fil-Mużew Il-Ħaġar.

**IT-TNEJN 28 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-pjanista Ivana Stimac (il-Maċedonja), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.



**IT-TLIETA 29 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert vokali mis-sopran Vida Miknevičiūtė u l-pjanista Christian Maggio (il-Litwanja/l-Italja), onlajn.

**L-ERBGĦA 30 TA' ĠUNJU**
**12.00pm:** Debutants' Concert (Malta), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**IL-ĦAMIS 1 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-pjanista Djordje Gajic (l-Iskozja/is-Serbja), onlajn.

**IL-ĠIMGĦA 2 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-vjolinista Andrea Gajic, il-pjanista Djordje Gajic u l-bassista Nikita Naumov (is-Serbja/l-Iskozja/ir-Russja), onlajn.

**IS-SIBT 3 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-pjanisti Natascha Chircop u Marco Rivoltini (Malta/l-Italja), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**IT-TNEJN 5 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert *Trio del Rumore* (l-Ingilterra/l-Italja/Malta), fil-Knisja ta' Santu Wistin.

**IT-TLIETA 6 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-ewfonista George Camilleri u l-pjanista Francis Camilleri (Malta), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**L-ERBGĦA 7 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mis-sassofonista Philip Attard u l-pjanista Christine Zerafa (Malta), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**IL-ĦAMIS 8 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-Cordia Quartet (l-Ungerija/Malta), fil-Knisja ta' Santu Wistin.

**IL-ĠIMGĦA 9 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-vjolinista Charlotte Lee u l-pjanista Milica Lawrence (iċ-Ċina/il-Kroazja), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**IS-SIBT 10 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-pjanista Giovanni Bertolazzi (l-Italja), onlajn.

**IT-TNEJN 12 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert korali mill-Kor Laudate Pueri (dir. il-Kan. George J. Frendo) (Malta), fil-Bażilika.





**IL-ĠIMGĦA 2 TA' LULJU**
**7.00pm:** Assemblea Parrokkjali li fiha l-Isqof Anton Teuma jippreżenta l-Pjan Pastorali Djoċesan.

## In-Novena ta' San Ġorġ
## *San Ġorġ: Qaddej tal-Ħniena*

In-Novena hi sensiela ta' disat ijiem ta' tħejjija spiritwali li jwasslu għall-Ġimgħa tal-Festa. It-tema ta' din is-sena hi: *San Ġorġ: Qaddej tal-Ħniena*, imnebbħa mill-Proġett Parrokkjali *Fejn hu ħuk?* Il-quddies tan-Novena, fis-7.00pm, jitmexxa mill-Arċipriet Joseph Curmi u saċerdoti oħra. Tul dawn il-jiem issir ukoll Kampanja ta' Ġenerożità għall-bini tal-Knisja tal-Madonna tar-Rużarju fir-raħal ta' El Rosario, Los Amates, il-Gwatemala, fil-parroċċa tal-missjunarju Għawdxi Dun Mario Curmi, waqt li fi tmiem il-quddies titqassam tifkira lit-tfal li jattendu. Matul dawn id-disat ijiem tan-Novena jiġu inawgurati l-ewwel erba' pitturi fil-pendenti ta' waħda mill-Koppletti tan-Navi tal-Bażilika bit-tema tal-Opri tal-Ħniena, xogħol Manuel Farrugia.

**IS-SIBT 3 TA' LULJU**
**L-ewwel jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema *Ilqa' l-barrani*, li għaliha mistiedna b'mod speċjali l-gruppi tal-manutenzjoni u l-armar tal-Bażilika.

**Il-ĦADD 4 TA' LULJU**
**It-tieni jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena mis-saċerdot novell Patri Etienne Gilson OFMCONV bit-tema *Farraġ lill-imnikktin*, li għaliha mistiedna b'mod speċjali l-bandisti u l-membri tal-kumitati u l-entitajiet tas-Soċjetà Filarmonika La Stella.

**IT-TNEJN 5 TA' LULJU**
**It-tielet jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena minn Patri Hayden Williams OFMCAP bit-tema *Żur il-ħabsin*, li għaliha mistiedna b'mod speċjali l-katekisti tal-Parroċċa.

**IT-TLIETA 6 TA' LULJU**
**Ir-raba' jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena mill-Kan. Tonio Galea, Kappillan ġdid tal-Parroċċa tal-Wiċċ Imqaddes ta' Ġesù, Ruma, bit-tema *Stabar b'min idejqek*, li għaliha mistiedna b'mod speċjali l-familjari tal-abbatini tal-Parroċċa.



**L-ERBGĦA 7 TA' LULJU**
**Il-ħames jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema *Idfen il-mejtin*, li għaliha mistiedna b'mod speċjali l-voluntiera tal-Uffiċċju Parrokkjali u d-distributuri tal-Bullettin tal-Ħadd.

**IL-ĦAMIS 8 TA' LULJU**
**Is-sitt jum tan-Novena**
**Id-disa' u l-aħħar Ħamis ta' San Ġorġ**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena mis-saċerdot novell Dun Andrew Grima bit-tema *Itlob lil Alla għall-ħajjin u għall-mejtin*, li għaliha mistiedna b'mod speċjali l-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-Grupp 23four (15+ u 18+).

**IL-ĠIMGĦA 9 TA' LULJU**
**Is-seba' jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema *Ħu ħsieb id-dar komuni*, li għaliha mistiedna b'mod speċjali l-membri tal-Korijiet Laudate Pueri u 23four.

**IS-SIBT 10 TA' LULJU**
**It-tmien jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema *Ħu ħsieb l-ambjent uman*, li għaliha mistiedna b'mod speċjali l-animaturi tal-Grupp tal-Għarajjes u l-membri tal-Gruppi tal-Familja u tat-10K.

**IL-ĦADD 11 TA' LULJU**
**Id-disa' u l-aħħar jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tal-Għeluq tan-Novena bit-tema *San Ġorġ: Qaddej tal-Ħniena*.

**IT-TNEJN 12 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-Kor Laudate Pueri, taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, bħala għeluq tal-24 edizzjoni tal-Victoria International Arts Festival.

**IT-TLIETA 13 TA' LULJU**
**7.00pm:** Quddiesa solenni mill-Arċipriet Joseph Curmi għall-komunità parrokkjali, bis-sehem tal-Banda Ċittadina La Stella taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Dr John Galea.
**8.30pm:** *Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana* miż-żgħażagħ Ġorġjani fil-Bażilika, organizzata mill-Grupp 23four, b'mumenti ta' talb, riflessjoni u kant, immexxija mid-Djaknu Gabriel Vella.





**L-ERBGĦA 14 TA' LULJU**
**L-EWWEL JUM TAT-TRIDU**
**6.00pm:** L-aħħar quddiesa tal-ġurnata.
**6.30pm: Kant solenni tal-Għasar mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata flimkien mal-ġemgħa liturġika, ippresedut mill-Kan. Geoffrey George Attard. Prietka minn Mons. Eddie Zammit, Rettur tal-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Taċ-Ċawla. Wara, Kurunella, Innu tat-Tridu, Antifona u Barka Ewkaristika minn Mons. Giovanni Bosco Cremona, Rettur tal-Knisja ta' Santa Marta, il-Belt Victoria.**
*Matul il-jiem tat-Tridu jiġu esegwiti l-innu* Georgi Miles Inclite *(1878), għal solisti, kor* a 3 voci pari *u orkestra, kompożizzjoni ta' Mons. Giuseppe Farrugia, u l-antifona* Beatus Georgius *(pre-1890), mużika ta' Mro Paolo Fiammingo u versi ta' San Pier Damiani.*

**IL-ĦAMIS 15 TA' LULJU**
**IT-TIENI JUM TAT-TRIDU**
**9.00am:** Konċelebrazzjoni Konventwali ppreseduta mill-Kan. Simon M. Cachia, Kappillan tal-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, il-Fontana, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika, b'suffraġju tal-erwieħ tar-ragħajja spiritwali u s-saċerdoti li taw servizz fi ħdan il-komunità parrokkjali Ġorġjana.
**6.00pm:** L-aħħar quddiesa tal-ġurnata.
**6.30pm: Kant solenni tal-Għasar mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata flimkien mal-ġemgħa liturġika, ippresedut mill-Kan. Emanuel Buttigieg. Prietka minn Mons. Eddie Zammit. Wara, Kurunella, Innu tat-Tridu, Antifona u Barka Ewkaristika mill-Kan. Richard Nazzareno Farrugia, Rettur tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù.**

**IL-ĠIMGĦA 16 TA' LULJU**
**IT-TIELET JUM TAT-TRIDU**
**9.00am:** Konċelebrazzjoni Konventwali ppreseduta mill-Kan. Joseph Zammit, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika, b'suffraġju tal-membri tal-parroċċa li ħallew din id-dinja matul is-sena li għaddiet.
**6.00pm:** L-aħħar quddiesa tal-ġurnata.
**6.30pm: Kant solenni tal-Għasar mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata flimkien mal-ġemgħa liturġika, ippresedut minn Mons. Felix Tabone, Vigarju Parrokkjali. Prietka minn Mons. Eddie Zammit. Wara, Kurunella, Innu tat-Tridu, Antifona u Barka Ewkaristika mill-Kan. Tonio Galea, Kappillan tal-Parroċċa tal-Wiċċ Imqaddes ta' Kristu, Ruma.**



**IS-SIBT 17 TA' LULJU**
**TMIEM IT-TRIDU MQADDES**
**9.00am:** Konċelebrazzjoni Konventwali ppreseduta mill-E.T. Mons. Alfred Xuereb, Nunzju Appostoliku għall-Korea u l-Mongolja, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika. Fit-tmiem, kant solenni tat-*Te Deum*.

**LEJLET IS-SOLENNITÀ**
**5.00pm:** Quddiesa tal-Vġili tas-Solennità.
**6.30pm: TRANSLAZZJONI SOLENNI TAR-RELIKWA TA' SAN ĠORĠ U ĊELEBRAZZJONI PONTIFIKALI TAL-EWWEL GĦASAR TAS-SOLENNITÀ PPRESEDUTI MILL-E.T. MONS. ANTON TEUMA, ISQOF TA' GĦAWDEX U DEKAN TAL-KOLLEĠĠJATA, ASSISTIT MILL-KAPITLU KATIDRALI U L-KAPITLU URBAN.**
*Jiġi esegwit l-Għasar* Vespri per la Solennità di San Giorgio Martire *(1900) għal solisti, kor* a 4 voci pari *u orkestra, kompożizzjoni ta' Mons. Giuseppe Farrugia*
**7.45pm:** Barka Ewkaristika minn Mons. Ġużeppi Farrugia.

**8.30pm:** Programm mużikali mill-Banda Ċittadina u Dekana La Stella taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Dr John Galea, fi Pjazza Indipendenza.

*L-attendenza għal dan il-kunċert issir permezz ta' riservazzjoni tal-post billi wieħed jikkuntattja s-segreterija tal-Każin La Stella. Ħadd ma jitħalla jidħol fil-pjazza jekk ma jkunx irriserva postu minn qabel.*

**IL-ĦADD 18 TA' LULJU**
**JUM IS-SOLENNITÀ TA' SAN ĠORĠ**
*Il-quddies ikun fil-5.00, fis-6.00, fis-7.00, fit-8.00, fid-9.00, fil-11.00am, f'12.00, fil-5.00pm u fis-6.00pm.*
**8.30am:** Kant solenni tat-Terza mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata.
**9.00am: KONĊELEBRAZZJONI PONTIFIKALI PPRESEDUTA MILL-E.T. MONS. ANTON TEUMA, ISQOF TA' GĦAWDEX U DEKAN TAL-KOLLEĠĠJATA, BIS-SEHEM TAL-KAPITLU U L-KLERU TAL-BAŻILIKA, U MEMBRI TAL-KLERU SEKULARI U RELIĠJUŻ, LI FIHA HU JAGĦMEL L-OMELIJA TAL-FESTA.**
*Tiġi esegwita l-*Mass in D in honour of St George "Princeps Martyrum" *(1976) għal solisti, kor* a 4 voci dispari *u orkestra, kompożizzjoni tal-Prof. Joseph Vella.*





**7.00pm: Kant solenni tat-Tieni Għasar tas-Solennità mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata Urbana, ippreseduta mill-E.T. Mons. Alfred Xuereb, Nunzju Appostoliku għall-Korea u l-Mongolja.** *Jiġu esegwiti s-salmi tat-*Tieni Vespri ta' San Ġorġ*, kompożizzjoni tal-Prof. Joseph Vella, mill-Kor tal-Bażilika Laudate Pueri.*

**8.00pm: ĊELEBRAZZJONI SOLENNI TA' TALB, KANT U TIFĦIR MADWAR L-ISTATWA TITULARI TA' SAN ĠORĠ, ANTIFONA, U BARKA EWKARISTIKA, LI BIHOM JINTEMMU L-FESTI EWLENIN TA' GĦAWDEX F'ĠIEĦ SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI, SA MILL-QEDEM IL-PROTETTUR TAL-POPLU GĦAWDXI.**



## QUDDIES U QRAR FIL-BAŻILIKA

Jekk irridu li jkollna Festa kif tixraq, għandna nimpenjaw ruħna u nħeġġu lil xulxin għall-Qrar u għall-Quddiesa ta' kuljum fil-jiem tal-Festa. F'San Ġorġ, il-Qrara tajba u t-Tqarbina huma essenzjali. Bħas-soltu l-Qrar jista' jsir fil-ġranet kollha tal-Festa, imma l-penitenti huma mitluba biex jaħsbu kemm jista' jkun fil-jiem ta' qabel, f'ħinijiet barra mill-funzjonijiet.

## IKONA PRESIDENZJALI F'JIEM IL-FESTA

Bi tradizzjoni mibdija fi żmien l-E.T. il-Prof. Guido de Marco (1931-2010), din is-sena wkoll l-E.T. Dr George Vella, President ta' Malta, qed jogħġbu jibgħat għal jiem ta' qima fostna l-ikona Russa ta' San Ġorġ miżmuma fil-Palazz Presidenzjali ta' San Anton, Malta. Ix-xbihat tal-martri huma għajnuna biex inħossu l-preżenza konkreta tal-qawwa ta' Alla fostna.

L-ikona tkun esposta fil-Bażilika u, filwaqt li nammiraw il-ġmiel tagħha, għandna niftakru f'ħutna l-Kristjani li jgħixu fl-artijiet tar-Russja u nitolbu għal għaqda akbar bejn il-Knisja Kattolika u l-Knejjes Ortodossi tal-Lvant.

## MUŻIKA SAGRA FIL-BAŻILIKA

Napprezzaw l-impenn kbir li jsir biex il-kompożizzjonijiet ta' mużika sagra unika li għandna jiġu esegwiti bl-aqwa mod possibbli. Il-mużika tkun esegwita mill-Kor tal-Bażilika Laudate Pueri u l-Victoria Festival Orchestra. Għall-okkażjoni l-kor jiġi kkumplimentat b'koristi Maltin u barranin, fosthom mill-Kor Pontifiċju Cappella Sistina u l-Coro dell'Accademia di Santa Cecilia, kif ukoll solisti lokali u barranin.

Il-mużika fil-Bażilika, kemm fil-jiem tat-Tridu u kemm lejlet u nhar il-Festa, tkun taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, *Maestro di Cappella*.

## TRASMISSJONIJIET TAL-FESTA FUQ IR-RADJU U 'LIVE STREAMING'

It-trasmissjonijiet kollha tal-Festa jistgħu jiġu segwiti permezz tal-Istazzjon tar-Radju tal-Parroċċa *Leħen il-Belt Victoria* (104.00FM MHz Stereo), kif ukoll permezz ta' *live streaming* fuq il-Paġna tal-Facebook tal-Parroċċa www.facebook.com/stgeorge.org.mt, dik tal-YouTube tal-Parroċċa www.youtube.com/stgeorgesbasilica, kif ukoll mill-Websajt tal-Parroċċa www.stgeorge.org.mt.





## OPRI U XOGĦLIJIET EWLENIN FIS-SENA 2021

Restawr tal-kampnari u l-parti prinċipali tal-faċċata tal-Bażilika.

Restawr tal-qniepen tal-Bażilika.

Żewġ arloġġi tal-irħam għall-faċċata tal-Bażilika.

Erba' pitturi dwar l-Opri tal-Ħniena għall-pendenti ta' fuq il-bibien laterali.

Żewġ umbrelluni bażilikali, wieħed għal matul is-sena u l-ieħor irrakkmat għall-Festa titulari.

Salib u lasta tal-fidda għall-umbrellun bażilikali ta' matul is-sena.

Restawr tal-lampier tal-fidda tal-Kappellun ta' San Lazzru.

Restawr tal-lampier tal-fidda tal-Kappellun tal-Erwieħ.

Restawr, tiżbigħ, skultura fl-injam u induratura tal-brazzi l-qodma tal-Konsagrazzjoni.

Restawr ta' leġiju antik.

Restawr, *polishing* u *lacquering* tal-erba' settijiet ta' gandlieri li jintramaw matul is-sena fuq l-Altari ta' San Ġużepp, San Mikiel, San Pawl u Santa Katarina.

Restawr tal-girlanda antika tal-fjuri tad-drapp ta' fuq il-pedestall tal-istatwa ta' Ġesù u Marija.

Akkwist ta' buqar antik tal-fidda.

Akkwist u rinnovazzjoni ta' velumeral antik irrakkmat fuq *moiré* abjad.

Akkwist ta' velumeral antik irrakkmat fuq lama safra.



Akkwist ta' velumeral antik irrakkmat fuq satin abjad.

Akkwist ta' pjaneta Rumana antika rrakkmata fuq lama safra.

Akkwist ta' pjaneta Rumana antika rrakkmata fuq *moiré* abjad.

Akkwist ta' pjaneta Ruman antika rrakkmata fuq bellus aħmar fin.

Restawr ta' stola bajda rrakkmata.

Restawr ta' terħa antika tal-bizzilla Maltija li tintuża għall-Altar tar-Ripożizzjoni.

Sfera Ewkaristika tal-bronż ta' stil modern.





**Issettjar, Pubblikazzjoni u Drittijiet tal-Istampa** | Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ
**Grafika** | Andrew Formosa
**Editjar u Fili tal-Kitba** | Francesco Pio Attard, George Francis Vella
**Stampar** | Gozo Press, Għajnsielem
**Ritratti** | Joe Attard, Andrea Camilleri, Toni Farrugia, Andrew Formosa, JJP Zammit

**© Bażilika San Ġorġ**
Il-Belt Victoria
Għawdex
2021

www.stgeorge.org.mt
info@stgeorge.org.mt
www.facebook.com/stgeorge.org.mt
www.youtube.com/stgeorgesbasilica

+356 2155 6377

Bażilika San Ġorġ